MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1564/2004

**Interior Finishes Supplies Ltd**

**Vs**

**Ian Tabone**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1122.87 (elf mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) rapprezentatni prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm1122.87) rapprezentanti prezz ta' merca mibjugha bl-ingrossa u konsenjata mis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 11 ta’ Lulju 2001 u bl-imghax kummercjali mis-7 ta’ Frar 2001 (data tal-fatturi) sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi fl-ewwel lok is-socejta` attrici ghandha tindika x’inhi l-merca li bieghet u ikkonsenjat lill-konvenut halli l-konvenut jkun f’pozizzjoni li jidderigi ruhu b’mod shih f’din il-kawza. Ghalehekk il-konvenut qed jirriserva minn issa illi jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz wara li ssir kjarifika.
2. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk permessi mill-ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kaz in dezamina huwa xi ftit anormali fejn l-istess socjeta’ attrici ma kkomportatx ruhha ta’ veru negozjanta. In-negozju ma jigiex gestit b’dak il-mod. L-anqas pero’ negozjant bhal konvenut ma ghandhu jikkomporta ruhu f’dak il-mod. Ir-relazzjoni ta’ bejniethom kienet aktar wahda ta’ fiducja milli ta’ kummerc. Dana jirrizulta lit-Tribunal mis-segwenti kordinazzjonijiet.

1) Il-hbiberija ezistenti bejniethom.
2) L-ghajnuna li kkonceda l-konvenut “gratis et amore” meta siehbu d-direttur tas-socjeta attrici sab ruhu f’diffikultajiet.
3) L-assunzjoni tal-kirja tal-mahzen da parti tal-konvenut.
4) In-nuqqas tal-konvolgiment tal-inkwilina fit-terminazzjoni tal-kirja ezistenti.

Illi oltre minn hekk, it-Tribunal huwa tal-oppinjoni li meta l-konvenut ottjena l-garaxx, l-oggetti li baqa’ fl-istess mahzen ma baqghux tas-socjeta’ attrici izda saru tal-istess konvenut. Jekk il-konvenut kien fl-istess negozju, kif

seta jzommulhu hemm. Kienu ghal bejgh u jekk is-socjeta' attrici waqfet minn negozju, min seta' jbieghhom jekk mhux il-konvenut. Taghmel sens l-allegazjoni ta' Simon Baldacchino Barthet li l-konvenut kellu jhallas a konvenjenza tieghu, u li kieku ma kienx hekk, ghaliex mela iffirma l-fattura datata 7/02/01 a Fol 10? Vera li l-attur a Fol 12 mhux iffirmata, pero saret fl-istess gurnata. Kif allega l-istess konvenut – ma xtarax kif solitu kien jixtri – izda ha "over" il-mahzen b' li kien hemm fih u jhallas meta jrid. Mhux qatt pero! It-Tribunal huwa perswaz li seta' jikkomunika mal-ex- siehbu, bl-invers il-konvenut gie kontattat.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta' Lm1122.87 bl-interessi u spejjes kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------